MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 29/2004/1

**Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapaċità tagħhom ta' *partners* tad-ditta *Deloitte & Touche Certified Public Accountants and Auditors***

***versus***

**Avukat Ġenerali; u b'dikriet tat-28 ta' Settembru 2004 issejjaħ fil-kawża ir-Reġistratur tal-Qorti**

Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha li kienet sabet ksur tal-jedd fondamentali ta' l-appellati għal smigħ xieraq f'interpretazzjoni li kienet ingħatat mill-Qorti ta' l-Appell dwar minn meta jibda jgħaddi ż-żmien biex tagħmel appell minn sentenza *in parte* li għalih huwa meħtieġ permess mill-qorti li kienet tat is-sentenza taħt l-

art. 231(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif kien il-*proviso* ta’ dak l-artikolu qabel l-emendi li saru bl-art. 7 ta’ l-Att XIII ta’ l-2005. L-appell sar mill-Avukat-Ġenerali.

Il-fatti relevanti seħħew hekk:

L-appellati Aloisio *et* kienu konvenuti f’kawża fl-ismijiet ***Valle del Miele Limited versus* Raphael Aloisio *et*** (ċitazzjoni nru 1902/2001), li kienet qiegħda tinstema’ quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili u, fl-1 ta’ Diċembru 2003, kienet ingħatat sentenza preliminari li l-appellati xtaqu illi jappellaw minnha. Għalhekk b’rikors tat-3 ta’ Diċembru 2003 talbu lill-qorti li tat is-sentenza tagħtihom permess biex jappellaw minnha taħt l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li, fiż-żmien relevanti, kien igħid hekk:

**231.** (1) Jekk diversi kwistjonijiet f’kawża jinqatgħu b’sentenzi separati, jista’ jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f’dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:

Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista’ jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b’rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza.

Il-permess ingħata b’dikriet tat-12 ta’ Diċembru 2003, u r-rikors ta’ l-appell sar fid-29 ta’ Diċembru 2003.

B’sentenza mogħtija fit-8 ta’ Ġunju 2004 il-Qorti ta’ l-Appell qalet illi l-appell ma kienx jiswa għax sar wara li kien għalaq iż-żmien li tagħti l-liġi, wara li qalet hekk:

… … … appell minn sentenza *in parte* għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza u mhux mid-data ta’ l-awtorizzazzjoni mogħtija skond l-artikolu 231 … … … Filwaqt illi fil-każ ta’ appell minn dikrieti interlokutorji l-leġislatur kien speċifiku *sia* dwar it-terminu kif ukoll dwar minn meta dan it-terminu jibda jiddekorri, fil-każ ta’ appell minn “sentenza” huwa għażel li ma jiddistingwix bejn sentenza finali u sentenza *in parte*, b’mod għalhekk li t-terminu ta’ għoxrin jum mid-data tas-sentenza stabbilit fl-artikolu 226(1) għandu japplika wkoll

għall-appelli li jsiru in segwitu għall-awtorizzazzjoni mogħtija skond il-*proviso* tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 231 tal-Kap. 12.

Billi dehrilhom illi din l-interpretazzjoni iċċaħħadhom minn aċċess għal qorti, bi ksur tal-jedd fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni, l-appellati Aloisio *et* (appellanti fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell) b'rikors kostituzzjonali tas-17 ta' Settembru 2004 fetħu l-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

1. tgħid illi bis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Ġunju 2004 huma kienu mċaħħda mill-jedd tagħhom ta' aċċess għal qorti, bi ksur ta' l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni;
2. tħassar is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2004, u tordna li jitkompla s-smigħ ta' l-appell li huma għamlu b'rikors tad-29 ta' Diċembru 2003; u
3. tagħti kull rimedju li tqis xieraq sabiex jitħarsu d-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq imsemmija.

L-Avukat Ġenerali wieġeb fl-24 ta' Settembru 2004, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

1. ma huwiex il-kontradittur leġittimu;
2. il-qorti għandha tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat kostituzzjonali tagħha, kif igħid il-*proviso* għall-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni, għax ir-rikorrenti għandhom rimedji oħrajn li huma biżżejjed;
3. l-azzjoni hija intempestiva; u
4. ir-rikorrenti ma jistgħux jinqdew bil-proċeduri kostituzzjonali bħala "forma tat-tieni appell" minn sentenza ġà mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell.

B'dikriet tat-28 ta' Settembru 2004 issejjaħ fil-kawża r-Reġistratur tal-Qorti. Dan wieġeb fis-27 t'Ottubru 2004 u ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi ma huwiex kontradittur leġittimu.

B'sentenza ta' l-14 ta' Ġunju 2004 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti u għalhekk ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju, ċaħdet l-erba' eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, u ordnat li jitkompla s-smigħ.

B'sentenza oħra, finali, tal-15 ta' Novembru 2006 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha qalet illi bis-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2004 mogħtija

mill-Qorti ta’ l-Appell inkisru l-artt. 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni (kif inkorporat fl-Ewwel Skeda ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319]), għalhekk ħassret dik is-sentenza u ordnat illi jitkompla l-appell li kien sar bir-rikors tad-29 ta’ Diċembru 2003. Il-Prim’Awla waslet għal din il-konklużjoni wara li qieset illi:
… … … wieħed mid-drittijiet fundamentali kif imsemmi fil-Konvenzjoni huwa ***r-right to a court*** ossia ***the right of access to a court.*** Dan jirriżulta mill-art. 6(1) tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti sostnew li meta l-ilment tagħhom lanqas instema’ fuq il-meritu minħabba li l-Onor. Qorti ta’ l-Appell tat l-interpretazzjoni li tat dwar it-terminu ta’ l-Appell, huma ġew negati dan id-dritt u b’hekk ġie mittiefes dritt fundamentali li għandhom. Infatti huma sostnew fir-rikors tagħhom li:
"l-appell ġie mitfugħ ’il barra mingħajr ma ġie trattat fil-meritu biex b’hekk ma ngħatax smigħ xieraq."
Dan wassal lill-abili difensur ta’ l-intimat li ssostni li kieku dan kellu jiġi aċċettat dan kien ser iwassal li kull meta appell jiġi deċiż fuq punt proċedurali l-parti li titlef tista’ tilmenta minn nuqqas ta’ smigħ xieraq. Iżda dan mhux dak li qed isostnu r-rikorrenti. Dak li sostnew hu li l-interpretazzjoni riġida mogħtija mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell, li qieset li t-terminu għall-appell jiddekorri mid-data tas-sentenza parzjali u mhux mid-data tal-permess tal-ewwel qorti, jista’ jwassal [kif fil-fatt isostnu li ġara fil-każ tagħhom] għal nuqqas ta’ smigħ xieraq minħabba li jkun qiegħed jiġi negat lilhom dan id-dritt ta’ appell f dan l-istadju. Skond ir-rikorrenti l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell tista’ twassal għall-fatt li persuna ma tkunx tista’ tadixxi lill-Qorti għax l-għoxrin ġurnata jkunu ġà għaddew meta jingħata l-permess, jew jekk stess jingħata fit-tarf tal-għoxrin jum, it-terminu konċess mil-liġi jkun qiegħed jitqassar bi preġudizzju għall-parti li tkun tixtieq tintavola l-appell. Infatti fin-nota tagħhom *a fol.* 128 jingħad:
"Il-bażi ta’ l-azzjoni odjerna hija interpretazzjoni riġidissima u applikazzjoni żbaljata ta’ liġi proċedurali li wasslu lir-rikorrenti jiġu mċaħħda minn rimedju li effettivament għandhom dritt għalih skond il-liġi."
L-abili difensur ta’ l-intimat sostniet li l-fatt li jkun hemm terminu perentorju raġonevoli li jwaqqaf proċeduri jew

jillimita l-bidu tagħhom mhux nuqqas ta' dritt ta' aċċess lill-Qorti (X *vs* Sweden 1982**).** Sostniet ukoll li l-eżerċizzju tad-dritt ta' appell innifsu jista' jkun suġġett għal żmien raġonevoli **(**Bricmont *vs* Belgium 10857/84 deċiż fl-1986). Iżda dan mhux kontestat mir-rikorrenti. Huma ma lmentawx mill-fatt li hemm għoxrin ġurnata biss, iżda mill-fatt ta' l-interpretazzjoni minn meta dawn l-għoxrin jum jibdew jiddekorru.

F'dan l-istadju forsi hu opportun li tikkwota parti relevanti mis-sentenza Markiża Beatrice Cremona Barbaro of St George *vs* Joseph Vella Galea *et* deċiża mill-Onor Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2003:

"Issa, il-leġislatur naqas milli jispeċifika fl-artikolu 231 *sia* t-terminu għall-appell u *sia* minn meta t-terminu talvolta applikabbli għandu jibda jiddekorri fil-każ ta' sentenza *in parte*. Filwaqt li fil-każ ta' appell minn dikrieti l-leġislatur kien speċifiku *sia* dwar it-terminu kif ukoll dwar minn meta jibda jiddekorri – ara s-subartikoli (6) u (10) ta' l-artikolu 229 – il-leġislatur baqa' sieket fir-rigward ta' sentenzi *in parte*. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, tapplika d-dispożizzjoni ta' l-artkolu 226(1) tal-Kap. 12, li hija dispożizzjoni li ma tiddistingwix bejn sentenza finali jew sentenza *in parte*. Din tipprovdi li *"L-appell isir b'rikors li jiġi preżentat fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza".* Il-partijiet fil-każ in diżamina jaqblu li t-terminu hu ta' għoxrin jum; dak li ma jaqblux dwaru hu, kif ingħad, minn meta dan it-terminu jibda jiddekorri.

Din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont ta' l-intenzjoni tal-leġislatur li jarġina ż-żminijiet kif aktar 'il fuq imfisser kif ukoll tal-kliem ċar tal-liġi, ma tistax u m'għandhiex tinterpreta l-kliem "mid-data tas-sentenza" bħala li jfissru, fil-każ ta' sentenza *in parte*, "mid-data li fiha jingħata l-permess". Kieku kellha tagħmel hekk, tkun qed tiftaħ il-bieb għall-possibilità ta' abbuż da parti ta' min ikun irid itawwal iż-żminijiet. Huwa veru li fil-każ *de quo* kienet l-ewwel Qorti stess li injorat iż-żmien ta' għoxrin jum mid-data tas-sentenza meta, permezz tad-dikriet tad-29 ta' April, 2002, iddifferiet ir-rikors għat-trattazzjoni għall-10 ta' Mejju, 2002, jiġifieri għal jumejn wara li ikun skada t-terminu ta' għoxrin ġurnata mid-data tas-sentenza; però kien jinkombi fuq il-konvenuti appellanti li, jew fl-istess

rikors li bih talbu l-permess għall-appell jew in segwitu għad-dikriet imsemmi, jiġbdu l-attenzjoni tal-Prim'Awla għad-dispożizzjoni ta' l-artikolu 226(1), dispożizzjoni li evidentement sfuġġiet lill-ewwel Qorti."

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-raġunar u fil-fehma ta' din il-Qorti dan iwassal għal nuqqas ta' smigħ xieraq minħabba li jkun qiegħed jiġi negat lir-rikorrenti dan id-dritt ta' appell f dan l-istadju. Ma jistax ikun li t-terminu għall-appell jiddekorri mid-data tas-sentenza parzjali u mhux mid-data tal-permess ta' l-ewwel qorti.

A] Għalkemm din il-Qorti kif presjeduta ma tistax ħlief tammira ż-żelu tal-Qorti ta' l-Appell li ma tħallix prolungament żejjed tal-kawżi b'mod li twassal ġustizzja veloċi, fil-fehma tagħha dan ma jista' jwassal qatt li wieħed jinnega dritt bħala sagrifiċju għal dan. Il-bażi ta' dan kollu li t-terminu ta' għoxrin jum jista' jiddekorri biss minn meta tali dritt jitwieled. Infatti diversi drabi ġie ritenut li n-nuqqas tal-permess ta' l-ewwel Qorti (skond l-imsemmi *proviso*) kien fundamentali għar-rikors ta' appell [<u>Ebejer *vs* Lautier</u> 6 ta' Diċembru, 2002, u <u>Mckenna Mintoff *vs* Caruana</u> 13 ta' Ottubru, 1998]. Għalhekk mingħar permess ta' appell ma tistax tintavola appell. Mela kif jista' jitqies li jitwieled dan id-dritt qabel tali permess!

B] Kif qalet l-Onor. Qorti ta' l-Appell il-leġislatur ma speċifikax b'mod partikolari t-terminu ta' l-appell minn sentenza parzjali. Għalhekk ikkonkludiet li japplika l-artikolu 226(1) tal-Kap. 12 peress li dan ma jiddistingwix bejn sentenza finali u oħra *in parte* u jipprovdi li:

"L-appell isir b'rikors li jiġi presentat fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza".

Fil-fehma ta' dik il-Qorti la ma għamilx distinzjoni għandha tapplika għat-tnejn. Din il-qorti tara dan ir-raġunar iżda ċertament ma jistax jiġi applikat b'mod li tnaqqas dritt ta' parti. Infatti l-imsemmi artikolu 226 fis-sub-artikolu (6) tiegħu jgħid:

"Iż-żmien biex isir appell minn dikriet qabel is-sentenza definittiva, għandu jkun ta' sitt ijiem mil-jum minn meta d-dikriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuħ."

U r-raġuni hi sempliċi għax l-appell isir possibli biss f dak l-istadju. Tant kemm hu hekk li fl-istess artikolu 226 iżda fis-sub-artikolu (10) jingħad dwar dikriet interlokutorju li

dan jitqies li jkun inqara bil-miftuħ fid-data ta' l-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufiħ wara li jkun ingħata. U għall-istess motiv għax parti ma tkunx taf li ingħata dikriet *in camera* qabel ma tinżamm l-ewwel seduta. Il-leġislatur ma riedx li jiddekorri terminu mingħajr ma jaf il-parti.

Ċ] Terminu għal appell jista' jiddekorri biss wara li tali dritt ikun twieled u mhux qabel. Wieħed mir-rekwiżiti huwa ċ-ċertezza ta' minn meta jibda jiddekorri terminu u għalhekk hu essenzjali li wieħed ikun jaf bil-preċiż meta jibda jiddekorri.

D] Jista' faċilment jiġri li għalkemm wieħed jintavola rikors għall-appell fiż-żmien tas-sitt ijiem il-parti l-oħra ma tiġix notifikata. Tista' anke l-Qorti għal xi raġunijiet ma tappuntax tali rikors għal xi raġuni. Għaliex għandha tbati l-parti minħabba dawn il-motivi?

E] Għall-intavolar ta' appell il-leġislatur ma riedx li ma jkunx hemm termini. Ried żmien raġonevoli iżda limitat. Ħass li biex wieħed jipprepara appell kif suppost kien hemm bżonn ta' għoxrin jum. Kif jista' għalhekk jitnaqqas dan it-terminu jekk għall-esempju jingħata l-permess fid-dsatax-il jum?

F] Fl-artikolu 825 tal-Kap. 12 ingħata l-faċilità li ssir korrezzjoni ta' żbalji ta' kalkoli fis-sentenza. Fis-sub-artikolu (2) jingħad li ż-żmien mogħti għall-appell mis-sentenza li tkun ġiet ikkorreġuta jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-dikriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni. Għaliex għamel dan il-leġislatur? Ovvju – għax wieħed jista' jappella wara li kollox ikun finalizzat u mhux qabel. Bl-istess mod fil-każ in eżami wieħed irid l-ewwel ikollu l-permess qabel ma jibda jgħaddi t-terminu.

L-Avukat Ġenerali appella minn dawn is-sentenzi b'rikors tas-27 ta' Novembru 2006. L-aggravji tiegħu, essenzjalment, huma dawn:

1. dwar il-jedd għal smigħ xieraq: sabiex il-qorti tasal biex tgħid kienx hemm ksur ta' dan il-jedd, trid tqis il-proċeduri sħaħ, u mhux episodju maqtugħ. Fil-każ tallum il-proċeduri ċivili (dawk li fihom kienet ingħatat is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2004) għadhom ma ngħalqux, u għalhekk l-ewwel qorti la setgħet tqis il-proċeduri sħaħ – ladarba dawn għadhom għaddejjin – u wisq anqas ma setgħet tgħid kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

2. dwar il-jedd ta’ aċċess lil qorti: ir-rikorrenti-appellati għadhom jistgħu, wara li tingħata l-aħħar sentenza, jappellaw mis-sentenza *in parte* ta’ l-1 ta’ Diċembru 2003; għalhekk għad għandhom aċċess ħieles għall-qorti, fejn il-meritu li dwaru sar l-appell għad jista’ jiġi trattat, mingħajr ma għadhom ġarrbu xi preġudizzju bid-dikjarazzjoni li l-appell illi għamlu sar tard;
3. dwar l-imġieba tar-rikorrenti-appellati: ir-rikorrenti-appellati naqsu meta, għalkemm kienu jafu xi tgħid il-liġi dwar iż-żmien li fih jista’ jsir appell, ma talbux illi d-dikriet li jagħtihom permess biex jappellaw jingħata b’urġenza. Imbagħad, meta ngħata d-dikriet fit-12 ta’ Diċembru 2003, ma fittxewx illi jagħmlu l-appell mill-ewwel iżda ħadu sad-29 ta’ Diċembru 2003 biex ippreżentaw ir-rikors t’Appell.

Ir-rikorrenti-appellati wieġbu fl-4 ta’ Diċembru 2006, u ressqu r-raġunijiet tagħhom kontra l-aggravji ta’ l-appellant.

Qabel xejn għandu jingħad illi, għalkemm l-Avukat Ġenerali appella kemm mis-sentenza ta’ l-14 ta’ Ġunju 2004 (li ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu) kif ukoll mis-sentenza tal-15 ta’ Novembru 2006, ma ressaq ebda aggravju kontra l-ewwel sentenza, u din il-qorti għalhekk ma hijiex sejra tqis l-appell mis-sentenza ta’ l-14 ta’ Ġunju 2004.

Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu ta’ l-appell safejn jolqot is-sentenza tal-15 ta’ Novembru 2006.

Din il-qorti tibda biex tgħid illi taqbel ma’ l-appellati u ma’ l-ewwel qorti illi l-interpretazzjoni mogħtija lill-*proviso* ta’ l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-8 ta’ Ġunju 2004 hija waħda ħażina.

Madankollu, mhux kull interpretazzjoni ħażina tal-liġi hija ksur ta’ jedd fondamentali, u mhux kull meta kawża tintilef minħabba interpretazzjoni jew applikazzjoni ħażina tal-liġi jitnissel jedd illi l-meritu jkun eżaminat mill-ġdid fid-dawl tal-liġijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali. Li kien hekk, kull min jitlef kawża dwar proprjetà – li hu wieħed mill-jeddijiet fondamentali mħarsa taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni – ikun jista’ jitlob illi l-kawża tinstema’ mill-ġdid quddiem qorti ta’ ġurisdizzjoni kostituzzjonali biex din tara nkisirx il-jedd tal-proprjetà minħabba xi applikazzjoni jew interpretazzjoni ħażina tal-liġi.

Il-kwistjoni fil-kawża tallum għalhekk ma hijiex jekk kienx hemm interpretazzjoni ħażina tal-liġi iżda jekk b'dik l-interpretazzjoni ħażina nkisirx il-jedd ta' l-appellati li jkollhom aċċess għal qorti.

Tajjeb illi jingħad qabel xejn illi l-parti telliefa għandha żewġ okkażjonijiet biex tappella minn sentenza *in parte*: jew minnufih wara li tingħata s-sentenza, sakemm tkun ingħatat is-setgħa li tappella mill-qorti li tkun tat is-sentenza, jew inkella wara u flimkien mas-sentenza finali, kif joħroġ ċar mill-art. 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Iżda ma għandhiex id-dritt illi tappella darbtejn: jekk, wara li tingħata l-fakoltà li tagħmel hekk, tkun appellat mis-sentenza *in parte* minnufih wara li tkun ingħatat u titlef dak l-appell, ma tistax terġa' tappella minn dik is-sentenza flimkien ma' appell mis-sentenza finali.

Għalhekk, l-appellati ma ġewx imċaħħda mill-jedd ta' aċċess għall-qorti ta' l-appell biex jappellaw mis-sentenza *in parte*; ġew biss imċaħħda mill-jedd li jappellaw minnufih wara li ngħatat is-sentenza. Dan ħolqolhom xi preġudizzju li ma jistax jiġi rimedjat jekk mhux bir-rimedju straordinarju li qegħdin ifittxu llum?

Fil-fehma ta' din il-qorti, l-appellati ma ġarrbux preġudizzju bħal dak, għax għad għandhom aċċess għall-qorti ta' l-appell fuq l-istess meritu li kien jiġi trattat li kieku tħallew jagħmlu l-appell qabel is-sentenza finali, li huwa meritu li, f'kull każ, seta' jiġi trattat quddiem il-Qorti ta' l-Appell darba biss, mhux darbtejn.

Għalhekk, meta tqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom[1], ir-rimedji li l-liġi tagħħti lill-appellati baqgħu disponibbli; kull ma tilfu hija l-opportunità li jinqdew b'dak ir-rimedju f'waqt aktar bikri tal-kawża, u ma huwiex minnu dak li jgħidu fit-tweġiba tagħhom għar-rikors ta' l-appell illi d-deċiżjoni ħażina tal-Qorti ta' l-Appell "ġabet fix-xejn id-dritt ta' l-esponenti appellati li jużaw *an available remedy*". Hekk kif ma hemmx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq jekk xi nuqqas quddiem qorti ta' l-ewwel istanza jissewwa quddiem qorti ta' l-appell, hekk ukoll ma hemmx ksur għall-jedd ta' aċċess għal qorti jekk rimedju indebitament

---

[1] Ara *e.g.* **Monnell u Morris *vs* Ir-Renju Unit**, 9562/81 u 9818/82, 2 ta' Marzu 1987, para. 56; **Ekbatani *vs* L-Isvezja,** 10563/83, 26 ta' Mejju 1988, para, 27; **Helmers *vs* L-Isvezja**, 11826/1985, 29 t'Ottubru 1001, para. 31; **Osu *vs* L-Italja**, 36534/97, 11 ta' Lulju 2002, para. 33.

miċħud fi stadju tal-proċeduri jista' xorta jinkiseb aktar 'il quddiem fl-istess proċeduri.

Fi kliem ieħor, għalkemm huwa minnu illi "*an unreasonable construction of a procedural requirement which may prevent a claim being examined on the merits, … … …* [*entails*] *a breach of the right to the effective protection of the courts*"[2], fil-każ tallum il-punt li l-appellati xtaqu li jinġieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell għad jista' jinġieb quddiem dik il-qorti biex ikun "*examined on the merits*", u għalhekk id-deċiżjoni ħażina dwar minn meta jibda jgħaddi t-terminu għall-appell ma wasslitx biex jingħalaq il-bieb għal dik il-possibbiltà.

Din il-qorti għalhekk issib illi ma kienx hemm ksur tal-jedd għal aċċess għal qorti.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2006 u tiċħad it-talbiet magħmula bir-rikors ta' l-appellati tas-17 ta' Settembru 2004. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom iħallsuhom l-appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] **Melnyk *vs* L-Ukrajna**, 23436/03, 28 ta' Marzu 2006, para. 23.